# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Dicembru 2015**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Numru : 1044/2015/LSO**

**Carmelo Vella (ID 501248M)**
**u Gest8 Limited (C-50235)**
**vs**

**Sergio Borg (ID 162072M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmelo Vella (ID: 501248M) u s-socjeta' Gest8 Limited (C-50235) datat 6 ta' Novembru 2015 fejn bil-gurament taghhom Carmelo Vella u Gilbert Zammit ghan-nom tas-socjeta' Gest8 Limited kkonfermaw:

Illi l-intimat kera l-fond Qawra Towers, Flat 7, Qawra Road, Qawra minghand s-socjeta' Gest8 Limited hekk kif debitament awtorizzata mis-sid Carmelo Vella u dana ghal perjodu ta' sena li jibda mid-19 ta' Frar 2011 versu l-kera ta' tliet mitt ewro (€300) fix-xahar;

Illi l-perjodu ta' lokazzjoni skada fid-19 ta' Frar 2012, izda l-intimat baqa' jokkupa l-fond imsemmi illegalment u minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

Illi l-intimat, ghalkemm interpellat sabiex jizgombra mill-imsemmi fond baqa' inadempjenti u effetivament ghadu qed jokkupa l-fond Qawra Towers, Flat 7, Qawra Road, Qawra u dana minghajr titolu validu fil-ligi;

Illi fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva kontra t-talbiet tal-istess esponenti;

Illi r-rikorrenti jafu personalment b'dawn il-fatti kollha.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiddeciedi billi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut intimat qed jokkupa u jzomm l-fond Qawra Towers, Flat 7, Qawra Road, Qawra, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

3. Konsegwentament tordna lill-konvenut intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-imsemmi fond u jirritornah lill-atturi billi jikkonsenjawlhom ic-cwievet tieghu;

B'riserva u minghajr pregudizzju ghal kull dritt u/jew azzjoni spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2015.

Rat li minkejja li l-konvenut giet notifikat bl-avviz fis-17 ta' Novembru 2015 kif jidher a tergo ta' fol 13 tal-process baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicmebru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Jennifer Cosaitis ghall-konvenut. Deher Dr Mark Vassallo ghall-atturi prezenti. Dr Cosaitis informat lill-Qorti li m'ghandhiex eccezzjonijiet x'tissolleva ghat-talbiet tal-attur.

Inghatat sentenza:

Il-Qorti,

Rat l-Art 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

*In visto* tal-verbal tad-difensur tal-konvenut li mhux prezenti wkoll f'din l-udjenza, tikkonsidra t-talbiet gustifikati,

Ghaldaqstant **tilqa'** l-istess talbiet kif dedotti u *ai fini* tat-tielet (3) talba tiffissa terminu perentorju ta' xahar mil-lum sabiex l-intimat jizgombra mill-fond u konsegwentement tordnalu li f'dan it-terminu lilu prefiss jizgombra mill-istess fond u jikkonsenja lill-atturi c-cwievet tieghu.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

Il-kawza giet deciza.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta' Dicembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta' Dicembru 2015**